**2 ta' Frar, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Michael Schiavone *et*

## Min Jeqred it-Traċċi ta' Reat - Tixrid ta' Aħbarijiet Foloz - *Press Act*

*Ir-reati ta' tixrid ta' aħbarijiet foloz (artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali) u dak ta' pubblikazzjoni doluża ta' aħbarijiet foloz (artikolu 9 ta' l-Att dwar l-Istampa), għalkemm prima facie jidhru li huma l-istess u fil-fatt huma simili ħafna, ciononostante huma differenti minn xulxin f'diversi portati kif ezami tad-disposizzjonijiet relattivi juri. Dak li japplika għar-reat wieħed mhux neċessarjament japplika għall-ieħor ukoll. Anzi kwantu jirrigwarda l-*actus reus *jista' jkun fatti li jinkwadraw ruħhom taħt l-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali, però ma jinkwadrawx ruħhom taħt l-artikolu 9 ta' l-Att dwar l-Istampa u f'sens aktar limitat anke* vice versa.

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputati hawn fuq imsemmija talli:

Michael Schiavone (a) fis-16 ta' Frar, 1981 u fil-jiem sussegwenti fil-Pietà u fi bnadijiet oħra f'Malta, xjentement qered jew b'xi mod li jkun iddistruġġa jew biddel it-traċċi jew indizji ta' reat bi ksur ta' l-artikolu 110 (2) (b) tal-Kodiċi Kriminali u (b) fil-ħarġiet ta' "In-Tagħna" tat-18 ta' Frar, 1981, 20 ta' Frar, 1981 u 23 ta' Frar, 1981, dolożament bil-ħarġiet tagħhom xerred aħbarijiet foloz li setgħu allarmaw il-pubbliku jew jiksru il-bon ordni pubblika jew il-paċi pubbliku inkella illi jġibu aġitazzjoni fost il-pubbliku jew fost klassijiet jew oħra tal-pubbliku bi ksur ta' l-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali u ta' l-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa;

Michael Mellia (a) fis-17 ta' Frar, 1981 għall-ħabta tad-9.00 p.m. fil-Floriana u bnadi oħra f'Malta xjentement qered jew b'xi mod ieħor li jkun iddistruġġa jew biddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat bi ksur ta' l-artikolu 110 (2) (b) tal-Kodiċi Kriminali u (b) għall-ħabta ta' nofs Frar, 1981, f'dawn il-Gżejjer, xjentement b'xi mod illi jkun għen jew assista lill-awturi jew awtur tad-delitt fl-attijiet liema delitt ġie kkunsmat jew ippreparat u kkunsmat u talli xewwex lill-ħadieħor u saħħaħ il-volontà ta' ħaddieħor sabiex jagħmel id-delitt, liema delitt kien jikkonsisti filli fil-ħarġa tal-gazzetta "In Tagħna" tat-18 ta' Frar, 1981, ta' l-20 ta' Frar, 1981 u tat-23 ta' Frar, 1981, u fil-ħarġa tal-gazzetta "The Times" tat-18 ta' Frar, 1981 u ta' l-20 ta' Frar, 1981 dolożament billi bil-ħarġiet tagħhom jixxerrdu aħbarijiet foloz li setgħu jallarmaw lill-pubbliku jew jiksru l-bon ordnni pubbliku jew il-paċi pubblika inkella illi jġibu aġitazzjoni fost il-pubbliku jew fost xi klassijiet jew oħra tal-pubbliku bi ksur ta' l-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali u ta' l-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa;

Mario Schiavone (a) fis-17 ta' Frar, 1981 għall-ħabta tat-8.00 a.m. fi bnadijiet oħra f'dawn il-Gżejjer u fil-jum sussegwenti, xjentement qered jew b'xi mod ieħor li jkun iddistruġġa jew biddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat bi ksur ta' l-artikolu 110 (2) (b) tal-Kodiċi Kriminali; u (b) fil-ħarġa ta' l-"In Tagħna" tat-18 ta' Frar, 1981 dolożament bil-ħarġa tagħha xerred aħbarijiet foloz li setgħu jallarmaw lill-pubbliku inkella illi jġibu aġitazzjoni fost il-pubbliku jew fost klassijiet jew oħra tal-pubbliku bi ksur ta' l-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali u ta' l-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa;

Charles Grech Orr u Victor Aquilina fil-Belt Valletta u fi bnadijiet oħra f'dawn il-Gżejjer fil-ħarġa ta' "The Times" tat-18 ta' Frar, 1981 u Charles Grech Orr fil-ħarġa ukoll ta' l-20 ta' Frar, 1981 dolożament bil-ħarġiet tagħhom xerrdu aħbarijiet foloz li setgħu jallarmaw lill-pubbliku jew jiksru l-bon ordni pubbliku jew il-paċi pubblika inkella illi jġibu aġitazzjoni fost il-pubbliku jew fost xi klassijiet jew oħra tal-pubbliku bi ksur ta' l-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali u ta' l-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tal-25 ta' Mejju, 1983 illi biha sabet lill-imputati mhux ħatja u illi lliberathom u dan wara li dik il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti; semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri ta' l-imputati u tal-prosekuzzjoni u rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-imputat Charles Grech Orr u Victor Aquilina;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li permezz

tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha kwantu sabet lill-ħames imputati mhux ħatja ta' l-akkuża kkontemplata fl-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali, tirrevokaha u tħassarha fil-bqija u wara li tisma' l-provi mill-ġdid issib lill-ħames imputati ħatja ta' l-akkużi l-oħra kollha kontrihom dedotti u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Lulju, 1983 minn fejn jirriżulta illi l-appellati eċċepew l-inappellabilità tas-sentenza da parti ta' l-Avukat Ġenerali u dan għaliex ma taqax taħt ebda waħda mill-kategoriji li taħthom hu mogħti d-dritt lill-Avukat Ġenerali li jista' jappella;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni kif ukoll id-dokumenti esebiti relevanti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi dak li issa ser jiġi deċiż hu l-appell ta' l-Avukat Ġenerali hux irritu u null fit-termini ta' l-eċċezzjoni ta' l-appellati msemmija;

Il-Qorti ser tibda bl-akkuża ta' ksur ta' l-artikolu 110 (2) (b) tal-Kodiċi Kriminali ċjoè dik ta' qerda, eċċ. ta' traċċi ta' reat. Din l-akkuża inġabet mill-prosekuzzjoni kontra l-appellati Michael Schiavone, Michael Mallia u Mario Schiavone biss. Issa, fir-rigward ta' l-appellati Michael u Mario Schiavone, l-Ewwel Onorabbli Qorti, meta lliberathom minn din l-akkuża, qalet biss li dan ir-reat "kif ukoll taqbel il-prosekuzzjoni, ma tirriżultax ippruvata";

Fir-rigward ta' l-appellat Michael Mallia dik il-Qorti, però, daħlet fid-dettal kemm għal dak li hu fatt kif ukoll għal dak li hu liġi u waslet għall-konklużjoni li tilliberah minn dik l-akkuża għax ikkunsidrat illi l-imsemmi appellat ma aġixxiex bl-intenzjoni illi "jeqred b'xi mod jew ieħor jiddistruġġi jew ibiddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat";

Kwantu jirriwarda din l-akkuża l-Avukat Ġenerali appellant qiegħed jibbaża l-appell tiegħu fuq allegata interpretazzjoni żbaljata da parti ta' l-Ewwel Qorti tal-kelma "xjentement";

Illi fir-rigward ta' l-appellati aħwa Schiavone, l-Ewwel Onorabbli Qorti, kif ġà ngħad, ma għamlet ebda pronunzjament ta' natura prettament legali u għalhekk ma jistax ikun hemm ebda kwistjoni ta' interpretazzjoni żbaljata tal-liġi. Fil-konfront tagħhom, l-Ewwel Qorti qalet biss li l-akkuża ma tirriżultax u illiberathom u qalet li l-akkuża ma tirriżultax għax evidentement studjat il-każ u mhux biss għax kif hemm f'dik il-parti tas-sentenza l-prosekuzzjoni qablet ukoll li dak ir-reat ma kienx jirriżulta. Kwantu jirrigwarda dawn iż-żewġ appellati għalhekk u limitatament għalissa għal dan ir-reat, l-appell ta' l-Avukat Ġenerali hu irritu u null għax minn din il-liberazzjoni ma kellux dritt ta' l-appell;

Illi fir-rigward ta' l-appellat Mallia, din il-Qorti eżaminat bir-reqqa dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti, kwantu jirrigwarda punti ta' dritt in relazzjoni ma' l-estrem tad-dolo rikjest għall-eżistenza ta' dan ir-reat u assolutament ma tistax tara xi fondatezza fl-asserzjoni ta' l-appellant. L-Ewwel Qorti anzi permezz ta' ċitazzjoni minn noti ta' Sir Anthony Mamo spjegat b'mod impekkabbli l-element intenzjonali ta' dan ir-reat u waslet għall-konklużjoni li f'dan il-każ l-appellat Mallia ma kienx aġixxa dolożament. Dan kien jimporta purament

apprezzament ta' provi fl-isfond ta' l-element tad-dolo kif spjegat u minn dan, sakemm il-liġi ma tpoġġiex ħażin, l-Avukat Ġenerali m'għandux appell. Ma' dan forsi hu l-każ li din il-Qorti tosserva li hu evidenti li l-Ewwel Qorti ma qabditx u qatgħet għad-dritt li ma hemmx dolo iżda anzi eżaminat bir-reqqa l-aġir ta' l-appellat imsemmi u evidentement ikkonvinċiet ruħha li għalkemm l-appellat kien imprudenti u anke negliġenti fl-aġir tiegħu, ma kienx hemm la l-intenzjoni speċifika u lanqas dik ir-*recklessness* li tajjeb jew ħażin qed jirreklama l-appellant. Għalhekk anke kwantu jirrigwarda dan l-appellat Mallia u din l-akkuża l-Avukat Ġenerali ma kellux dritt ta' appell u għalhekk kwantu hu dirett għal-liberazzjoni relattiva l-appell interpost hu irritu u null;

Ikkunsidrat:

Illi jibqa' għalhekk jiġi kkunsidrat jekk il-kumplament ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali hux skond il-liġi proċedurali jew le, ċjoè jekk kellux dritt ta' appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet ukoll (u hawn ser jiġi ċċitat testwalment mis-sentenza appellata) illi mill-provi prodotti, kif tajjeb issottomettew l-avukati difensuri ta' l-imputati, u kif qablet il-prosekuzzjoni, senjatament fid-dawl tax-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija, it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-imputati Michael Schiavone, Michael Mallia u Mario Schiavone, illi hija l-unika imputazzjoni dedotta kontra l-imputati Charles Grech Orr u Victor Aquilina; jiġifieri r-reat ikkontemplat mill-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali u mill-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa, ma jirriżultax ippruvat;

Issa kwantu jirrigwarda l-akkuża ta' ksur ta' l-artikolu 82 tal-Kap. 12, l-Avukat Ġenerali mhux talli ma appellax anzi talab li l-liberazzjoni relattiva tiġi kkonfermata u illimita biss l-appell tiegħu kwantu jirrigwarda l-liberazzjoni ta' l-appellati mill-akkuża ta' ksur ta' l-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa;

Hawn tqum l-ewwel kwistjoni;

Fit-termini ta' l-artikolu 50 ta' l-imsemmi Att ta' l-1974, kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati dwar reat taħt dak l-Att tista' "fil-każijiet kollha" tiġi appellata mill-Avukat Ġenerali. L-appellati qed isostnu, kif jidher mill-verbal tas-seduta tad-29 ta' Settembru, 1983, illi l-prosekuzzjoni intavolat il-każ tagħha mhux fil-kuntest tal-liġi dwar l-istampa iżda fil-kuntest tal-Kodiċi Kriminali tant li xi uħud mill-appellati ġew arrestati mentri dan ma setax isir taħt il-liġi dwar l-istampa. Għalhekk isostnu l-appellati l-kwistjoni ta' l-appellabilità o meno għandha tkun irregolata mill-Kodiċi Kriminali u mhux mil-liġi dwar l-istampa;

Ikkunsidrat fuq din l-ewwel kwistjoni;

Illi hawn għandu jingħad li oriġinarjament, kif kienet intavolata ċ-ċitazzjoni, kien jidher li l-imputati kienu qed jiġu akkużati b'tixrid doluż ta' aħbarijiet foloz mingħajr ma ġie speċifikat jekk l-akkuża kinitx ta' ksur ta' l-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali jew l-artikolu 9 ta' l-Att XL ta' l-1974 u jingħad, mingħajr tlaqliq, li wieħed seta' jiġbed kemm konklużjoni waħda kif ukoll l-oħra; Wara, permezz ta' digriet ta' l-Ewwel Qorti ta' l-1 ta' April, 1981, saru xi korrezzjonijiet fiċ-ċitazzjoni u ġie speċifikatament miżjud il-kliem "bi ksur ta' l-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 12, Liġijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa". Jingħad

ukoll għall-eżattezza illi b'verbal tas-27 ta' Marzu, 1981, il-prosekuzzjoni kienet diġà ddikjarat quddiem l-Ewwel Qorti li l-akkuża relattiva kienet intavolata kemm fit-termini tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll tal-liġi dwar l-Istampa;

Hu x'inhu, una volta akkordata l-korrezzjoni jew aħjar l-aġġunta msemmija, l-Ewwel Qorti pprosegwiet bil-kawża, ikkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Kriminali Ġudikatura u lliberat lill-imputati, kemm taħt l-artikolu 82 tal-Kap. 12, kif ukoll taħt l-artikolu 9 ta' l-Att dwar l-Istampa u dan wara li kkunsidrat dak li ddikjarat li kkunsidrat;

Dan iwassal għall-konklużjoni waħda, u ċjoè, li l-Ewwel Qorti tat deċiżjoni dwar reat taħt l-Att XL ta' l-1974, anke jekk tat ukoll deċiżjoni taħt il-Kodiċi Kriminali. Ma' dan jiżdied ukoll illi ż-żewġ reati għalkemm *prima facie* jidhru li huma l-istess u fil-fatt huma simili ħafna ciononostante huma differenti minn xulxin f'diversi portati kif eżami tad-disposizzjonijiet relattivi juri. Dan ikompli jagħti forza li dak li ngħad għax dak li japplika għal reat wieħed mhux neċessarjament japplika għall-ieħor ukoll. Anzi jingħad li kwantu jirrigwarda l-*actus reus* jista' jkun hemm fatti li jinkwardaw ruħhom taħt l-artikolu 82 tal-Kap. 12 però ma jinkwadrawx ruħhom taħt l-artikolu 9 ta' l-Att XL ta' l-1974 u f'sens aktar limitat anke *vice versa*. Billi l-artikolu 50 ta' l-Att XL ta' l-1974 jagħti dejjem id-dritt ta' appell lill-Avukat Ġenerali, għalhekk, allura, f'dan ir-rigward l-appell interpost salv dak li ser jingħad fir-rigward ta' l-appellat Mallia huwa ritwali proċeduralment;

Hemm kwistjoni oħra li l-għaref difensur ta' l-appellati ssolleva fis-seduta tad-29 ta' Settembru, 1983, u li tinsab fil-verbal relattiv u ċjoè illi l-prosekuzzjoni stess, kif jirriżulta mill-istess sentenza, qablet li "senjatament fid-dawl tax-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija, it-tieni imputazzjoni dedotta

kontra Michael Schiavone, Michael Mallia u Mario Schiavone, li hija l-unika imputazzjoni dedotta kontra Charles Grech Orr u Victor Aquilina, ma tirriżultax ippruvata" u għalhekk l-appell tal-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward mhux in konflitt ukoll maddikjarazzjoni ta' l-istess prosekuzzjoni inkorporata fis-sentenza u li ma tidhirx li hija kontradetta mill-provi kuntrarji;

Illi in assenza ta' xi verbal partikolari li jispjega sewwa x'ġara quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u billi l-Avukat Ġenerali li f'ismu titmexxa l-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti, qiegħed jikkontesta li saret xi dikjarazzjoni kategorika quddiem l-Ewwel Qorti ta' aċċettazzjoni ta' non reċita din il-Qorti jidhrilha li dak li hu importanti f'dan l-istadju hi konsiderazzjoni waħda u ċjoè li l-prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti fl-ebda ħin ma ritirat l-azzjoni kriminali anzi ħalliet li l-istess tiġi determinata minn dik il-Qorti. S'intendi fi stadju ulterjuri l-appellant m'għandux jistenna li din il-Qorti, jekk jidhrilha li l-Ewwel Qorti ma fehmitx ħażin dak li seta' ġie sottomess lilha tul it-trattazzjoni, tinjorah qisu qatt ma kien għax wieħed jippresumi li kulħadd jagħmel id-doveri tiegħu bl-akbar responsabbilità. Però f'dan l-istadju din il-Qorti ma jidhrilhiex li s-sottomissjoni ta' l-appellati hi ta' ostakolu proċeduralment għall-prosegwiment ta' l-appell għax wara kollox kif ingħad, mhux biss ma kienx hemm rinunzja jew irtirar ta' l-azzjoni kriminali, iżda kien hemm sentenza;

Qabel tagħlaq, din il-Qorti trid tagħmel osservazzjoni li evidentement sfuġġiet kemm lill-Ewwel Qorti kif ukoll lill-appellat Mallia;

L-appellat Mallia, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tqiegħed, permezz ta' l-akkuża anke kif koretta u miżjuda, fi klassi u kategorija għalih. L-appellati l-oħra, permezz tat-tieni akkuża, ġew akkużati bi ksur ta' l-artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali u/jew

l-artikolu 9 ta' l-Att XL ta' l-1974. L-appellat Mallia però ġie akkużat b'kompliċità ma' l-appellati l-oħra fil-kummissjoni ta' dan ir-reat u dan il-fatt ma jistax jiġi injorat. Il-kompliċità hija rregolata esklussivament mill-Kodiċi Kriminali u jekk ġie lliberat ġie lliberat bħala kompliċi u bl-ebda mod il-liberazzjoni tiegħu ma tista' tiġi ekwiparata ma' dik ta' l-appellati l-oħra, anke jekk l-Ewwel Qorti apparentement ma għamlitx distinzjonijiet. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, dak li ngħad fir-rigward ta' l-appellati l-oħra ma jistax japplika fir-rigward ta' l-appellat Mallia għax fil-konfront tiegħu, is-sentenza appellata hi fit-termini tal-Kodiċi Kriminali. Infatti, ma jista' qatt jingħad li l-appellat Mallia f'xi ħin kien akkużat li kiser l-artikolu 9 ta' l-Att XL ta' l-1974, imma li fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali hu kien kompliċi ma' terzi fil-ksur ta' dak l-artikolu, li huma żewġ akkużi distinti. Fil-każ ta' l-appellat Mallia, kwantu jirrigwarda din l-akkuża, l-Ewwel Qorti ma għamlet ebda enunzjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-liġi u lanqas ma hemm dirett speċifikatament appell *ad hoc* mid-deċiżjoni kif inhi fis-sens spjegat u għalhekk din il-qorti mgħandhiex alternattiva ħlief li tiddikjara li kwantu dirett kontra l-appellat Mellia, l-appell interpost hu totalment irritu u null;

Għal dawn il-motivi għalhekk tiddeċidi billi tiddikjara l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali irritu u null kwantu dirett kontra l-appellat Mallia u limitatament kwantu jirrigwarda l-akkuża taħt l-artikolu 110 (2) (b) tal-Kap. 12 irritu u null ukoll fil-konfront ta' l-appellati Michael u Mario Schiavone u b'hekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità ssollevata mill-appellati f'dan is-sens limitata u tiċħadha fil-kumplament kollu tagħha u konsegwentement tordna l-prosegwiment ta' l-appell fil-konfront ta' l-imputati Michael Schiavone, Mario Schiavone, Charles Grech Orr u Victor Aquilina fir-rigward ta' l-imputazzjoni taħt l-artikolu 9 ta' l-Att XL ta' l-1974.